## Ezami ghall-Warrant ta' Avukat

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgha, 12 ta' April 2006**

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tliet sighat.)**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

I. Rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili li fih ir-rikorrent, li qed jallega li l-art proprjeta` tieghu giet esproprjata mill-Gvern mhux fl-interess pubbliku izda biex tinghata lil persuna partikolari ghall-uzu privat taghha, qed jitlob rimedju kostituzzjonali (vjolazzjoni ta' dritt fondamentali) kif ukoll rimedju taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319);

II. Rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell ghat-twaqqif tal-ezekuzzjoni ta' sentenza, deciza minn dik il-Qorti, minhabba li r-rikorrent ikun ippresenta rikors ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-appell - f'dan il-kaz is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kienet ordnat lill-konvenut, issa ritrattand, sabiex jizgombra minn remissa li huwa ghamel zmien jikri minghand l-attur, ir-ritrattat;

III. Rikors ta' appell, motivat tajjeb, minn digriet interlokutorju moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

IV. Rikors ghall-helsien mill-kustodja (*habeas corpus*) fejn ir-rikorrent qed jallega li qieghed jigi detenut kontra l-ligi mill-Forzi Armati ta' Malta;

V. Rikors ghall-ftugh tas-successjoni ta' persuna li mietet *ab intestato*;

VI. Rikors ta' l-appellant quddiem il-Qorti ta' l-Appell sabiex jigi ammess ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament (*cautio juratoria*).

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija wahda biss minn dawn li gejjin:

1. (a) Avukat "A" jigi mitlub li jassumi l-patrocinju ta' klijent minflok avukat iehor waqt proceduri quddiem il-Qorti. Fisser x'inhuma l-obbligi etici skond il-Kodici ta' l-Etika Professjonali li Avukat "A" ghandu josserva f'din ic-cirkostanza. Semmi r-rimedji fil-kaz li l-avukat l-iehor jiddecidi li ma jikkoperax ma' l-Avukat "A".

(b) Fisser il-normattiva li tirregola ir-reklamar professjonali kemm skond l-Kodici ta' l-Etika Professjonali kif ukoll skond ir-regoli mahruga mill-Kamra ta' l-Avukati.

2. "L-obbligu li avukat josserva is-sigriet professjonali huwa obbligu li johrog izjed mill-ligi milli mill-etika professjonali". Ikkummenta.